698.3.S3Z9
. 204

# KARIKATURA, LIRIKA U STRUTTURA F'"SAMURAJ"

## DAHLA KRITIKA TA' DR. OLIVER FRIGGIERI

### Xejriet fl-istorja tan-narrativa Maltija

Minn żmien Ġan Anton Vassallo (1817-1868) 'l hawn l-ilsien Malti ma baqax biss l-għodda sempliċi, spontanja u mhux mirquma tal-kotra bla tagħlim, iżda beda jitrawwem f'lingwaġġ meqjus li jaqdi wkoll lid-dispożizzjonijiet għolja tal-kittieb. Il-mewġa ta' qawmien u rivalutazzjoni ta' skemi soċjali u ta' fehmiet estetiċi li ġieb miegħu r-romantiċiżmu tas-seklu dsatax messet ukoll lix-xtut ħiemda ta' Malta u minn żmien dan il-kuntatt importanti 'l quddiem l-imħuħ lokali bdew iqumu u r-ruħ nazzjonali bdiet tikseb sura u tfittex il-mezzi ta' espressjoni. Ir-romantiċiżmu Ewropew seddaq ħsieb ġdid li jdur madwar il-patrija, l-għajn ta' kull nebħa artistika u soċjali jew politika. Minflok il-bniedem ċittadin tad-dinja kollha, kif emmnu l-illuministi kosmopolitiċi, daħal il-bniedem ċittadin ta' art partikulari, u b'hekk tnissel in-nazzjonaliżmu romantiku. Minflok letteratura li tissodisfa biss il-gosti formali u li tfittex motivi ta' żina u bravura teknika, daħlet qajl qajl letteratura b'kontenut ħaj, awtentiku u kontemporanju. Il-konfront bejn iż-żewġ żminijiet kien bejn il-klassiċiżmu bħala l-arti ta' l-imgħoddi mejjet u r-romantiċiżmu bħala l-arti tal-preżent ħaj.

Malta, imrobbija għal sekli sħaħ bi tradizzjoni kulturali u wkoll soċjali Taljana, qieset ruħha, għallinqas spiritwalment, bħala parti mid-dinja Taljana, art ċkejkna li daħlet għal żmien twil fil-kategoriji li jiddefinuha bħala pajjiż b'rabtiet ġeografiċi u kulturali Ewropej, miruta direttament mill-peniżula qariba. Din ir-rabta mhux maqtugħa tat żvog għal letteratura Maltija bit-Taljan, ħażna ġmielha ta' xogħlijiet, l-iżjed ta' poeżija u storjografija, li taqsima mdaqqsa minnhom għadha tistenna li tixxandar għall-ewwel darba u ma tibqax midfuna fost il-manuskritti tal-Bibljoteki. Min-naħa l-oħra, il-Malti, bħala lsien imnissel mill-Għarbi tal-ħakkiema tal-gżira (870-1090 A.D.), hu l-eqdem mezz ta' taħdit lokali li għan-

dn[illegible] Għarbi tiddel f'dak li llum nafuh bħala l-Malti, ilsien ta' sisien semitiċi li kellu jadotta bosta elementi romanzi biex jinfetaħ u jsir għodda siewja f'fomm poplu li sab ruħu f'kuntatti bla waqfien mad-dinja latina. Dan fisser li, waqt li l-Malti ħa l-egħruq ewlenin mid-dinja Għarbija, meta l-kuntatt ma' din id-dinja nqata' u nfetħu r-rabtiet mad-dinja Ewropea, kellu jassimila forom u kliem biex illum sar dak li hu.

Din is-sintesi tal-ġrajja lingwistika Maltija ddawwal ukoll l-isfond tal-letteratura bil-Malti. Waqt li, fuq naħa, żviluppa ruħu t-Taljan bħala l-ilsien miktub fl-oqsma kulturali u uffiċjali, il-Malti baqa' l-ilsien bla ġieħ, imħaddem biss mill-kotra għall-użu komuni, rifless ta' mġiba kulturali dinjija (u mhux Maltija) fejn il-wirt popolari ttaħħat u twarrab minħabba l-wirt elevat ta' klassi magħżula. Biex din id-dialettika, ġlieda bejn żewġ naħiet soċjali, tissewwa u titbiddel f'fużjoni iew f'sura ta' assimilazzjoni (kif jiġri dejjem fil-ħajja ta' l-ispirtu meta jasal il-waqt) kien għad jonqos tibdil fil-mentalità. Ħarsa ġdida u friska lejn il-lingwa popolari, apprezzament tagħha fiha nnifisha bħala għodda naturali u fejjieda għaliex hi l-kelma tal-poplu għall-poplu. Din il-bidla mentali daħlet fis-soċjetà u fil-letteratura (ir-rabta bejn soċjetà u letteratura hi dejjem reċiproka, waħda trawwem lill-oħra u l-kuntrarju), biddlet il-fehmiet u qanqlet l-imħuħ għal avventuri politiċi u intellettwali differenti sewwa sew fis-seklu dsatax, il-perijodu tar-Romantiċiżmu. L-artist beda jersaq lejn il-kotra u jfittex fiha l-aqwa għajn ta' tnebbiħ. L-Italja, bħal ġnus oħra, identifikat ir-romantiċiżmu mal-ġlieda nazzjonali, u fil-fatt ir-romantiċiżmu Taljan jaf ilqofol tiegħu lill-moviment tar-Risorġiment, il-mixja politiko-letterarja tal-poplu Taljan lejn il-ħelsien u l-għaqda.

Minħabba l-preżenza tat-Taljan f'Malta, il-qrubija ġeografika, spiritwali u kulturali, bosta eżiljati Taljani ġew hawn biex jistkennu mill-ħakkiema barranin f'pajjiżhom, u hawn żvolġew ħidma ħawtiela ħafna fil-qasam politiku, ġurnalistiku u letterarju. Nies bħal Luigi Settembrini, Luigi Fabrizi, Francesco Orioli, Tommaso Zauli Sajani, Raffaele Poerio, Gabriele Rossetti u bosta oħrajn taw sehem mill-akbar biex Malta tosserva mill-qrib il-ġlieda nazzjonali ta' ħaddieħor u tibda tikkonkludi x'għandha tagħmel hi nnifisha quddiem l-isfida tal-ħakkiema barranin tagħha stess. Kienu awturi u ribelli Taljani nfushom li mbagħad qanqlu lill-Maltin biex iqumu

kontra l-ħakma Ingliża u jfittxu huma wkoll, bħalhom, l-identità u l-ħelsien.

Fi ħdan dan il-kwadru, mibni fuq dehra demokratika ta' l-arti u fuq il-mît tal-poplu bħala l-aqwa artist u bħala eroj kollettiv li qiegħed ifittex lilu nnifsu biex, skond il-ħsieb Mazzinjan (komuni ħafna fost l-aħjar poeti u rumanzieri patrijottiċi Maltin), jifhem il-"jedd" li jkollu patrija u mbagħad id-"dmir" li jaħdem biex jibniha, twieldet u ssoktat titrawwem il-letteratura Maltija bħala fergħa diretta tar-romantiċiżmu Taljan. Nies bħal Ġ.A. Vassallo, Richard Taylor, Dwardu Cachia, A.M. Caruana, S. Frendo De Mannarino, Ġ. Muscat Azzopardi, Dun Karm, Cremona u oħrajn, ilkoll imgħammra b'kultura tradizzjonali Maltija (i.e. Taljana) fehmu din il-verità ġdida tar-romantiċiżmu u ħaddmu l-għarfien tematiku u formali li wirtu mid-dinja Taljana biex jibnu letteratura bil-Malti, l-istess fil-qofol u varjanti fl-irqaqat ambjentali ta' territorju miftum minn artijiet oħra bil-baħar.

Il-Malti, kif għallem żmien qabel il-profeta mbiegħed ta' dan il-moviment politiku-letterarju, Mikiel Anton Vassalli,[1] beda jitqies bħala wirt qaddis u ta' min iħarsu, anzi bħala l-akbar xhieda ta' l-identità storika tal-gżira. Poeti u rumanzieri bdew ifakkru l-ġrajja mbiegħda tal-poplu, jagħtuha nifs epiku u mitoloġiku skond fantasija viżjonarja, u jdaħħlu fl-interpretazzjoni tagħha l-fehma moderna li minn żmien Voltaire 'l hawn laħqet xterdet u ħakmet ħafna: hu l-poplu, u mhux il-ħakkiem individwali, li jixraqlu l-akbar ġieħ fl-istorja. Għalhekk il-poeżija nazzjonali ta' xi Ġ.A. Vassallo u xi Dun Karm, u r-rumanzi storiċi ta' xi A.M. Caruana u xi Ġużè Aquilina ma jdurux biss madwar il-persunalità ta' xi ħakkiem, iżda madwar il-figura ta' eroj popolari, bħal Vassalli, Mannarino u Dun Mikiel Xerri u madwar ġgajta bla qies ta' Maltin qalbiena bla isem li lkoll isawru l-familja etnika ġdida, il-missirijiet qaddisa li għadhom spiritwalment ħajjin fost iċ-ċittadini kontemporanji.

Madankollu sa minn Caruana u Aquilina nfushom, biex ma nsemmux rumanzieri storiċi ta' fejda sekondarja, il-motiv epiku u nazzjonali beda jitħallat mal-motiv soċjali, max-xewqa li flimkien mal-patrija sħiħa jinbnew ukoll strutturi li jdaħħlu l-ħaqq soċjali mnebbaħ mill-Vanġelu. L-ambjentazzjoni nazzjonali bdiet tissarraf f'deskrizzjoni ta' kuntesti magħżula, partikulari, taqsimiet speċifiċi tal-pajjiż li jistgħu

juru l-problemi tal-klassi batuta. Waqt li r-rumanz storiku kien diġà nfetaħ biex żviluppa ruħu fir-rumanz tal-biża' u l-waħx, mibni madwar eħieres, palazzi mġarrfa u koroh, delitti u vendetti oħrajn — jiġifieri beda jersaq kemm kemm lejn l-inkjesta soċjali — ir-rumanz soċjali, imxettel f'kuxjenza politika ġdida, beda jqiegħed ħarstu fuq twegħir eżatt, magħruf u xjentifikament verifikabbli ta' familji, ambjenti u klassijiet. Minn Ġwann Mamo ta' ULIED IN-NANNA VENUT (1930) sa Ġużè Ellul Mercer ta' LELI TA' ĦAŻ-ŻGHIR (1938) sa Ġużè Chetcuti ta' ID-DAWL TAL-HAJJA (1958), IMĦABBA U MEWT (1961), L-ISQAQ (1962), IT-TNALJA (1964) u oħrajn, il-preokkupazzjoni letterarja ssieħbet ma' preokkupazzjoni soċjo-politika u r-rumanzier sar ukoll l-osservatur impenjat li ried bidla mill-qiegħ tas-sistemi ta' l-għixien. Bħalma r-rumanzier Taljan qal li issa li nbniet l-Italja kien jeħtieġ li jinbnew it-Taljani (il-mogħdija mir-riforma kostituzzjonali għar-riforma soċjali, mogħdija li seħħet iżjed tard f'Malta wkoll), hekk ukoll l-awturi Maltin, fidili lejn il-linja ta' żvilupp letterarju tal-pajjiż kbir minn fejn ħadu mudelli u ispirazzjonijiet, għaddew mir-romantiċiżmu għar-realiżmu. Iżda fl-istess ħin qajla nistgħu nagħżlu lill-wieħed mill-ieħor, għaliex fir-rakkont epiku hemm diġà ċertu realiżmu romantiku, jew romantiċiżmu realistiku, waqt li fil-ħażna ta' stejjer realisti jibqa' jixref ukoll, b'importanza mċekkna, l-aptit emotiv u passjonali ta' karattri li issa, minflok eroj tal-bidla u ħakkiema ta' destin huma eroj tat-tbatija u vittmi rassenjati ta' qawwiet deterministiċi. L-epika tbiddlet f'eleġija, il-glorja ddewbet f'mogħdrija.

Is-snin sittin ta' dan is-seklu ssoktaw jitfgħu l-attenzjoni fuq id-dinja ta' ġewwa u jwarrbu t-toqol tad-dinja ta' barra, jew aħjar ifissru l-ambjent barrani skond id-deżert ġdid tar-ruħ. Lino Spiteri ta' TAD-DEMM U L-LAHAM (1968) u ta' HALA TAŻ-ŻGHOŻIJA (1970), Alfred Sant ta' L-EWWEL WERAQ TAL-BAJTAR (1968), Frans Sammut ta' LABIRINT U STEJJER OHRA (1968), IL-GAĠĠA (1971) u SAMURAJ (1975) u ftit oħrajn qiesu lill-individwu bħala mikrokożmu, dinja sħiħa li fiċ-ċokon tal-privatezza tagħha tista' turi d-dinja barranija qarrieqa bħala l-kawża ta' problemi ġewwiena, aktar psikoloġiċi milli nazzjonali u politiċi (kif kienu fir-rumanz storiku), jew morali u passjonali (kif kienu fir-rumanz tal-waħx) jew soċjali u klassisti (kif kienu fir-rumanz soċjali). Il-bniedem bħala moħħ ħallieq, eremit f'soċjetà tribali,

identità vaga li qiegħda tbati fis-sikta qalb il-ħamba aljenata: hu l-protagonista l-ġdid ta' sensibilità li biddlet is-sebħ nazzjonali, il-gost tal-makabru u l-impenn soċjo-politiku f'eleġija li għandha mill-ironija daqskemm għandha mid-disperazzjoni u li fl-aħħar mill-aħħar m'hix ħlief turija ta' iżolament persunali ta' erwieħ ogħla mill-bqija.

Dan il-qtugħ bejn tip u ieħor — sforz biex tinstab skema ta' evoluzzjoni — jista' jidher kategoriku żżejjed, għad li jersaq ħafna lejn il-mixja mtarrġa ta' din l-istorja tan-narrativa Maltija, iżda min-naħa l-oħra m'hemmx għalfejn wieħed igħid li xejriet analogi u interferenzi bejn tip u ieħor huma mogħdija oħra li wieħed jista' jgħaddi minnha biex isib ukoll punti oħrajn ta' qbil bejn skejjel ta' kitba differenti.

## Mill-gaġġa għad-deżert

IL-GAĠĠA (1971) hu l-ewwel tarġa f'mixja li Sammut issoktaha f'SAMURAJ (1975), it-tnejn turiiiet varjanti ta' orjentament wieħed imħabbar bin-novella LABIRINT u b'siliet oħrajn li dehru fl-ewwel damma. Fl-ewwel rumanz il-protagonista, eżempju ta' l-anti-eroj tan-narrativa moderna, hu l-Malti sensibbli ġdid, ruħ differenti mill-mudell tradizzjonali li baqa' jikkaratterizza lill-kotra attwali. Hawn ukoll għandna turija tar-reazzjoni letterarja ta' l-ilħna żgħażagħ: waqt li l-kotra tqieset bħala mudell qalbieni u perfett (fir-rumanz storiku) u tħalla joħroġ minnha, bħala wild naturali u loġiku, l-eroj sublimi (li jippersonifika fih innifsu l-valuri tal-ġemgħa bla isem), issa l-kotra hi meqjusa bħala l-kawża tal-kriżi delikata tar-ruħ ta' eroj interjuri, l-anti-eroj li hu ogħla mill-bqija minħabba valuri li huma l-oppost tal-valuri tal-maġġoranza.

Waqt li r-rumanzier storiku qies il-valuri tal-miġemgħa bħala kultura, ir-rumanzier ta' llum qiegħed jara f'dawn il-valuri għamla ta' anti-kultura li meta tisfa' miċħuda u mgiddba mill-individwu sensibbli trawwem il-kultura vera, il-personalità li ma tridx tittiefes ta' individwu solitarju fiżikament preżenti fil-folla iżda maqtugħ minnha mod ieħor. Fredu Gambin, immexxi minn sentiment kontinwu ta' mħabba-mibegħda lejn artu, igħaddi minn għarbiel fin u sistematiku lill-istrutturi tal-pajjiż — politiċi, reliġjużi, soċjali, familjari — u jbiddel lill-pajjiż f'raħal wieħed, f'ċirku vizzjuż jew f'sensiela

ta' ċrieki konċentriċi, f'toroq li jispiċċaw fi sqaq, ritorn bla fejda lejn l-isfiduċja li mbagħad twassal lill-istess persunaġġ biex iħalli lil artu. L-aħħar kelma hi eleġija vjolenti, il-frott ta' skizofrenja, ċaħda mweġġgħa ta' ruħ li biddlet ix-xewqa bikrija tar-riforma spiritwali (minflok politika u l-bqija) f'ċaħda ribelli. Minħabba li hi ribelljoni ġewwiena, immexxija skond is-sublimità tal-ħsieb u mhux skond l-effikaċja tal-ħidma fid-deher, il-qagħda tal-bidu tar-rumanz tissokta sa l-aħħar. Bħal fl-istruttura tematika ta' xi drammi ta' Ebejer, il-folla statika ma titbiddilx u l-karattru ċentrali jisfuma. Il-bidla sseħħ biss fl-egħluq ta' l-ispirtu privat, waqt li l-aljenazzjoni marradija ta' l-ambjent tissokta bil-kalma ta' dejjem. Mill-konfront bejn il-moviment (ċentrali) u l-istasi (periferika), jiġifieri bejn il-kalma hienja tar-ruħ kollettiva u d-dagħdigħa mnikkta tar-ruħ privata toħroġ it-tema kollha tar-rumanzi li, aktar milli fi spettaklu oġġettiv li jseħħ taħt l-għajnejn ta' kulħadd, jitbiddel fi djarju intimu ta' ruħ imweġġgħa li tara fejn ħaddieħor ma jarax, jew tara ħafna fejn ħaddieħor jilmaħ ftit jew vagament. Dan in-nuqqas ta' qbil f'dak li jidher fl-għajnejn tal-wieħed u tal-ħafna hu l-qofol tal-problematika kollha li, ladarba hi mrawma f'moħħ sensittiv qalb ġgajta bla sensibilità u dal-moħħ hu mċaħħad mis-setgħa li jikkomunika (għaliex bejn il-wieħed u l-ħafna jinbena l-ħajt tan-nuqqas ta' ftehim, ta' valuri opposti u għalhekk ukoll ta' lingwaġġi diversi), tispiċċa biex tnissel kriżi psikoloġika. Fi ħdan din il-marda moħbija jikseb tifsira sħiħa l-monologu, li jalterna minn waqt għal ieħor ma' l-intervalli żgħar ta' djalogu.

L-għażla ta' l-isem — IL-GAĠĠA — tixhed diġà xejra letterarja differenti mill-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet ta' qabel. Waqt li l-ismijiet tar-rumanzi Maltin ta' qabel aktarx jindikaw isem uman, jew qagħda jew storja b'mod letterali, l-għażla ta' Sammut u ta' oħrajn fi żmienna tixhed fehma metaforika, għażla li tinqeda bi xbiha biex tfisser ħaġa oħra, differenti, li fiha nnifisha m'għandha x'taqsam xejn mal-ħaġa vera li l-awtur hu mnebbaħ minnha. B'eżempju, fl-ewwel rumanz tiegħu m'hemmx gaġġa vera, dik li nseħbuha ma' annimali li jgħammru fiha, iżda hemm gaġġa simbolika, spazju li jagħlaq, jaħfen u jrażżan ġewwa fih biex joħloq klawstrofobija, sensazzjoni marida biċ-ċokon li hu kemm spazjali u kemm spiritwali jew psikoloġiku. Hi Malta, il-gżira li dehret medda bla qies għal A.M. Caruana ta' INEŻ FARRUĠ u għal Ġużè Galea ta' ŻMIEN L-ISPANJOLI u oħrajn, murija fiċ-ċokon ta'

l-ispirti u tad-distanzi li jagħlaqha għall-ftuħ ta' kull xorta. Din il-"gaġġa" nazzjonali tħaddan fiha l-"agħsafar" ironikament ferħana bl-egħluq u lil għasfur partikulari, il-protagonista mxebba' li malli jissuġġerixxi direzzjonijiet ta' bidla b'riżq il-ftuħ mentali, isib ruħu mwarrab, miċħud u meqjus b'barrani, għadu tal-ġid komuni, li paradossalment hu l-egħluq li qiegħed jogħġob lill-kotra aljenata.

F'SAMURAJ l-isem **jixhed l-istess metodu metaforiku**, l-istess xewqa ta' l-awtur li, hu u miexi fl-istess triq tematika, jinqeda b'kelma li tfisser ħafna iżda li m'għandha x'taqsam xejn man-nisġa narrativa tiegħu. Metafora, wara kollox, għandha dejjem dan is-sigriet immaġinativ li waqt li titgiddeb mil-loġika razzjonali, tivverifika ruħha u tikseb tifsira isħeħ u qawwa akbar skond il-loġika emotiva, is-setgħa talmoħħ li jsieħeb kif iħoss żewġ ħwejjeġ li minn barra jidhru miftuma minn xulxin, waqt li malli jissieħbu jiksbu qawwa interpretativa ġdida. B'eżempju, il-metafora ta' nisel Bibliku (imseddqa minn Dante u minn awturi warajh) "il-ħajja hi triq" torbot flimkien lil parti letterali (il-ħajja) u lil parti simbolika (triq). Nafu li l-ħajja u t-triq m'għandhomx rabta diretta, u wisq anqas m'għandhom jintrabtu flimkien bil-kopula, il-verb "kien ("to be"),i.e. "hi." Iżda bil-mod kif il-fantasija ħallieqa tressaqhom lejn xulxin, il-parti letterali tikseb tifsira xeneqqiata, tidher u tinħass. Fi kliem ieħor, inkunu qegħdin ingħidu: bħalma l-bniedem jimxi fi triq, hekk ukoll il-bniedem ħaj jimxi fit-triq taż-żmien; il-ħajja hi mogħdija taż-żmien. bħalma t-triq hi spazju li wieħed igħaddi minnu fiżikament.

"Samuraj" hi kelma li m'għandha x'taqsam xejn marrakkont ta' Sammut, u madankollu sseddaq it-tifsira tiegħu. Biex insarrfu din ir-relazzjoni f'metafora nistgħu ngħidu li r-rakkont reali hu l-parti letterali, waqt li "samuraj" hi l-parti simbolika.

Is-Samuraj huma klassi ta' ġellieda Ġappuniżi. Wara li l-ħakma imperjali Ġappuniża bdiet tiddgħajjef fis-seklu ħdax, is-Samuraj bdew jieħdu l-bixra ta' ġemgħa soċjali ogħla u aqwa mill-bqija. Biż-żmien, bis-saħħa tal-fedeltà u tal-valuri tagħhom, dawn il-ġmiegħi ta' ġellieda kabbru s-setgħa u sasseklu 19 il-ħakma kienet biss f'idejn il-klassi tagħhom. Flimkien mas-setgħa politika s-Samuraj kellhom ukoll setgħa kulturali iżda mbagħad din ta' l-aħħar ingħelbet fil-bidu tas-seklu tmintax mill-kultura popolari Ġappuniża. Il-qofol tal-ġieħ

ta' din il-ġemgħa militari ta' nobbli jinsab fil-ħarsien tal-"Bushido" (letteralment l-imġiba tal-ġellied), liġi mhux miktuba ta' nisel fewdali msejsa fuq il-kburija, l-imġiba tajba, il-lejaltà u l-qlubija. Din l-etiketta militari u ċivili ftit li xejn kellha x'taqsam ma' nies oħrajn ta' livell soċjali iżjed baxx. Fiż-żminijiet fewdali kienu jħarsu wkoll riti militari iebsa ħafna, fosthom il-ħara-kiri.

Dan il-kontenut storiku Ġappuniż m'għandu x'jaqsam xejn u la ma' Malta u lanqas mar-rumanz ta' Sammut. Madankollu l-awtur għażlu bħala l-isem tan-narrativ tiegħu. Waqt li tah din l-importanza kollha, żamm dan il-kontenut 'il barra mir-rakkont, biex jiftiehem mingħajr ma jkun diskuss, għad li darba minnhom (Taqsima 21) ħass li għandu jissuġġerixxi fil-qosor tifsira tat-terminu. Samwel u l-Poeta stramb qegħdin jitkellmu, it-tnejn huma eżempji ta' din il-kategorija, jekk jitqiesu simbolikament, jiġifieri mhux fid-dawl storiku jew awtobijografiku tagħhom (i.e. bħala Maltin), iżda fid-dawl interpretativ li qiegħed jixħet fuqhom l-awtur. Il-Poeta, li għadu kemm laqqam "Samuraj" lil Samwel, igħarrfu: "Jien il-kultura Ġappuniża togħġobni, fil-fatt il-kultura kollha ta' l-Orjent issaħħarni... is-Samuraj kienu nies nobbli u setgħana, fuq kollox kienu nies ta' ġieh, għalihom in-nies komuni, ngħidu aħna, bħan-nies tar-Raħal, ma kienu jfissru xejn, kellhom ħila kbira fis-sengħa tas-sarar u l-armi, l-aktar bix-xafra... Meta kienu jwaħħlu xi ħaġa f'rashom kienu jagħmluha, u biex jiksbu tmiemha kienu jgħixu waħedhom u ma jsibux sabar jew ġieh qabel itemmuha... fl-iżventura li ma jirnexxilhomx iwettquha sa l-aħħar ma kellhomx triq oħra ħlief li jinfdu u joftqu msarinhom bl-istess xafra li jinqdew biha!"[2]

Din id-deskrizzjoni storika m'hix ħlief is-sintesi tal-personalità ta' Malti mbiddel f'tip universali f'termini ta' din il-ġemgħa għolja, is-Samuraj. Samwel, is-sieħeb ideali tal-Poeta, ruħ iżolata oħra fi ħdan il-folla bierda tar-raħlin, hu mogħti l-universalità billi hu interpretat f'dan id-dawl. Jekk wieħed jaqra r-rumanz kollu billi jqis l-imġiba barranija u ġewwiena ta' Samwel, fuq naħa, u t-telqa mħassra tal-ġemgħa raħlija — "l-oħrajn", l-inferjuri, il-Maltin bħala kategorija rappreżentata f'għadd ta' raħlin[3] — fuq in-naħa l-oħra, wieħed jifhem il-qofol djalettiku tar-rumanz bħala paralleliżmu għad-djalettika storika msemmija bejn il-kasta għolja tas-Samuraj u l-ġemgħa inferjuri tal-Ġappuniżi l-oħra.[4] F'Samwel, fil-fatt, bħalma wkoll fil-Poeta (sura ta' varjazzjoni ta' l-istess karat-

tru, jew aħjar verżjoni duwalistika ta' l-istess identità li sserrep matul ir-rumanz fi ġlieda mal-maġġoranza, bħallikieku biex tiġbor fiha għamla ta' grupp żgħir ta' Samuraj), hemm il-bniedem li ma jitħallatx mal-kotra rħisa, u hemm ukoll nobbiltà u setgħa (spiritwali, kontra n-nobbiltà u s-setgħa materjali fiergħa ta' oħrajn, bħall-Konti, ir-rappreżentanti tal-każin, il-folla anonima eċċ.). Hemm ukoll stmerrija tal-poplu komuni, imfisser fi kliem Samwel u l-Poeta, u mbagħad ukoll fi kliem Żabbett (tip ta' bniedma kkonvertita, imtellgħa minn isfel u mbagħad imwaqqgħa mill-ġdid 'l isfel mil-livell għoli tas-Samuraj). Hu kliem aħrax li m'hux għajr il-kundanna ta' Samuraj "Maltin" lill-bqija tal-"Ġappuniżi", jiġifieri lir-raħlin l-oħra, li m'humiex ħlief il-Maltin maqbudin fir-rustiċità vulgari tagħhom: "Dar-raħal misħut...;"[5] "niġu noqogħdu hawn 'il bogħod minn dawk il-qatta' klieb tar-Raħal;"[6] "ma rridx... inneżża' ruħi quddiem dawn il-bhejjem bla ruħ;"[7] "le... u ma jisgħobbinix, inqas ma nieħu minn ta' dawk is-slavaġġ aħjar; dawk, l-ikel tagħhom velenu, velenu biss sqewni;"[8] "immorru u nitfgħu wara spallejna l-kruha ta' dar-Raħal misħut u l-imrar kollu li jixxettel fih;"[9] "igħixu flimkien ir-razzett u ma jkun jonqoshom xejn, ħlief forsi li titheżheż l-art u jinbela r-Raħal bl-ilpup u s-sriep kollha li fih u jibqgħu hi u hu u x-Xuxana."[10] Din l-aħħar silta tlaqqa' flimkien liż-żewġ oqsma opposti tal-konfront spiritwali u soċjali; hu spiritwali bejn l-"huma" ("r-Raħal bl-ilpup u s-sriep") u l-"hi u hu u x-Xuxana" (darba minnhom, għallinqas, Samwel "niżel it-taraġ bħal 'ħaruf',"[11] l-oppost figurativ tal-bhejjem waħxin imsemmija bħala aġenti simboliċi tal-qerq). Hu wkoll konfront soċjali skond il-post fejn igħammru ż-żewġ gruppi, l-ewwel wieħed f'raħal iffullat (ħjiel tal-popolazzjoni żejda tal-gżira) u t-tieni grupp f'razzett maqtugħ mill-kotra. Il-konfront għandu wkoll xeħta kwantitattiva biex tidher aħjar id-differenza fil-kwalità: l-ewwel grupp, mittiefes, hu kotran, u t-tieni wieħed fih tlieta biss, żewġ bnedmin (jew tlieta, jekk wieħed irid igħodd ukoll lill-Poeta) u x-Xuxana, annimal f'funzjoni simbolika opposta għall-bhejjem "ħżiena" msemmija.

Hemm ukoll is-sengħa tas-sarar u l-armi, is-sens ta' provokazzjoni mrażżna għax sublimi fit-temperament ta' Samwel, u l-użu tax-xafra, l-arma li twettaq l-ideal jew li, meta dan ifalli, titbiddel fl-għodda "qaddisa" tas-suwiċidju (stadju aħħari li fl-ewwel rumanz Sammut kien qiesu bħala telfa u li hawn ibiddlu, romantikament skond it-tradizzjoni minn xi

Alfieri 'l hawn, f'wettqa tal-jien kburi). Is-suwiċidju aħħari hu mħabbar sa minn kmieni (tmiem it-Taqsima 21) u mmexxi skond id-drawwa msemmija tas-Samuraj: "Samwel niżżel wiċċu lejn il-kanal ta' l-ilma u lemaħ il-mus tat-tiswija tal-ħnieżer ħdejn is-sarvetta bl-ikel." Fuq kollox hu mwettaq ritwalistikament, bħala ċerimonja reliġjuża li tagħlaq fażi sħiħa, ħajja ta' ideal li ma sseħħx. L-irqaqat kollha tar-ritwal fatali jsibu l-qofol tagħhom fi kwadrett li daqskemm hu makabru hu mimli bid-deċiżjoni ta' dan il-"membru" Malti ta' nisel superjuri li qiegħed jinfatam b'dinjità mill-ġemgħa ta' l-inferjuri: "Imbagħad dar wiċċu lejn ix-xemx, ħareġ il-mus mill-but, biesu u għolla idejh fl-ajru... Imma d-daqqiet baqgħu neżlin f'xita ma tehda xejn, sakemm imsarnu ddendlu 'l barra u bdietlu l-agunija twila... Issa kien hieni u kwiet."[12] Innatura, dejjem preżenti bħala biċċa mill-kuxjenza, tieħu sehem issa wkoll u s-sentenzi li jiġu minnufih wara s-silta msemmija jħabbru paċi tal-klima u d-dħul tas-sajf. Id-determinazzjoni fl-egħmil negattiv u l-ħiiel ta' siwi pożitiv li jitgħatta taħtu (il-kuntrast staġjunali bħala strument simboliku) jagħalqu lir-rumanz b'ottimiżmu paradossali, bi traġedja sublimi li hi tarġa oħra, wisq aktar gravi, mit-tarġa aħħarija ta' qabel: is-safra ta' Fredu Gambin fil-"Gaġġa". Mill-fidwa ta' l-eżilju Sammut għadda għall-fidwa tal-mewt.

**Dinja reali-simbolika**

Din ir-relazzjoni realtà-simbolu li hemm bejn ir-rakkont (jekk jitqies bħala letterali) u l-isem (figurattiv) hi mfettħa matul ir-rumanz kollu. Siltiet ta' deskrizzjoni u rakkuntar dirett jintisġu, kważi f'binja ta' alternanza, ma' siltiet metaforiċi, titjiriet qsar tal-fantasija li minħabba li huma insistenti u kontinwi jissawru f'damma waħda tul "l-istorja" kollha u jagħtuha din l-identità dupliċi ta' tiġrib empiriku u ħolma vaqa, attività li tidher u riflessjoni li tiġġarrab minn ġewwa. Iż-żewġ livelli ta' għarfien (i.e. skond kif tinsab il-kuxjenza tal-karattri) u ta' kitba letterarja (i.e. skond kif din il-kuxjenza titbiddel fi kliem) huma msieħba fuq medda waħda u bħala nisġa sħiħa f'żewġ Taqsimiet, 7 u 24; waqtiet oħrajn ta' l-istess bixra jistgħu jinstabu wkoll, imqar jekk din l-għaqda bejn reali u simboliku m'hix organizzata u mifruxa bir-reqqa li għandha f'dawn iż-żewġ stadji mportanti tar-rumanz. Fit-Taqsima 7 Samwel jinsab f'post meditativ fejn kollox hu ħaj, mimli tif-

sir, jitħarrek u jitkellem miegħu u skond ix-xejriet psikoloġiċi persunali. Id-dinja oġġettiva, dik li qiegħed iġarrab bis-sensi, titbiddel fi projezzjoni mħabbla ta' kuxjenza mwiegħra li ma tiddistingwixxix loġikament (i.e. skond il-loġika tar-raġuni magħrufa mmexxija minn sensi ekwilibrati u minn moħħ li jastratta skond id-"datum" sensibbli) bejn il-jien bħala suġġett u l-hu, id-dinja ta' l-oġġetti, bħala l-oġġett ta' l-osservazzjoni. It-tnejn jissieħbu u jitħabblu f'xulxin, jitħalltu flimkien u l-ħolma ssir realtà u r-realtà ssir ħolma, bħalma għallmu l-impressjonisti u s-surrealisti anki fil-qasam letterarju u l-aktar fil-poeżija. Samwel, solitarju u minsub fi ħsiebu, hu l-annimal li jiddjaloga b'lingwaġġ ġdid mat-travi, materja li tikseb forom, tifsiriet u setgħat animati, differenti min-normal. Dan il-bniedem soċjali-ermetiku li "la kien jafdahom u lanqas imil fuqhom" u li "l-gidma tagħhom kienet tbeżżgħu u f'għajnejhom u fi kliemhom ma kienx jilmaħ għajr il-għatx għall-gidma" u li kien waħdu "bħat-tigra tal-masġar",[13] ifittex il-komunikazzjoni ma' travi li "kienu bla qalb. Raw ġrajjiet ta' qsim il-qalb u baqgħu hemm, mimdudin bla jitħarrku, medhijin biss li jżommu s-saqaf fi mkienu."[14]

F'din id-dinja ta' seħer tqil "l-arloġġ biss kien jinstema' jdoqq ħerqan biex jimbotta l-ħin għajjien" u "d-dar kienet qisha fuq ix-xwiek, tistenna xi aħbar kbira u lanqas għandha l-ħila titniffes."[15] Il-għanja li Samwel sema' ftit wara għaddejja b'leħen kiebi minn taħt it-tieqa ma baqgħetx dik li kienet u tbiddlet fil-"karba ta' ruħu nnifisha."[16] Tiġrib empiriku u rikostruzzjoni immaġinattiva ta' moħħ mixgħul skond setgħa assoċjattiva qawwija (imnebbħa mill-istorja persunali) jitħalltu flimkien biex it-truf u l-forom tar-realtà jiżżelgħu u jitilfu l-korpożità, u l-ħolma titħallat magħhom f'għaqda fejn xejn m'hu aktar tiġrib veru jew immaġinazzjoni vera, iżda ħajja mentali. Għandna speċi ta' verżjoni letterarja tal-"cogitans sum" Kartesjana.

Aktar ma r-rumanz jimxi 'l quddiem, aktar iħalli liż-żewġ modi ta' tiġrib (skond is-sensi barranin u skond il-moħħ kreattiv) jieħdu ċerta awtonomija minn xulxin. Għall-qarrej dan ifisser li l-bidu tar-rakkont hu itqal mill-bqija, waqt li għall-awtur dan jagħti l-okkażjoni li jibda jsensel "plot," nisġa ta' fatti fid-dawl tat-taħlita ħolm-fatti li SAMURAJ jiftaħ biha. Fil-fatt, fit-Taqsima 24 il-fruntiera bejn ir-rakkont reali u r-rikostruzzjoni simbolika titla' sewwa fil-wiċċ u tingħaraf bil-ħeffa. Minflok alternanza (A — B — A — B eċċ.) għandna tqassim fi tnejn (A — B). Dan ma jfissirx li fis-silta

reali (l-ewwel parti tat-Taqsima 24, mill-bidu sa meta jixref fix-xena l-Poeta b'xagħru mqanfed, jiġifieri l-aħħar silta qasira li tagħlaq it-Taqsima) m'hemmx intervalli żgħar ta' simbolizzazzjoni. B'eżempju, f'silta mill-parti reali għandna tħabbira tas-simbolu li se jaħkem fil-parti metaforika li tagħlaq it-Taqsima: "Iżda qam minn fuq iċ-ċint u niżel it-taraġ bħal ħaruf. Għadda minn ħdejn il-ħamla u għajnejh waqgħu fuq iż-żerriegħa li kien żera' iżda li baqgħet ma kibritx." Minn naħa hi xitla vera li ma qabditx (parti mill-"plot" letterali), u minn naħa oħra (kif se jidher aħjar fit-tieni parti simbolika) hi xitla figurativa, tixbiha li l-moħħ joħloq biex ipinġi u jnaqqas qagħda li għaddej minnha. Fil-fatt fl-egħluq tat-Taqsima jidher minnufih il-Poeta, persunaġġ li għandu mir-reali bħalma għandu mill-metafiżiku (kif jixhdu kliemu u mġibtu) u jingħata din it-tweġiba li tiġbor fiha l-qofol tat-Taqsima kollha, u aktarx tar-rumanz ukoll. Hi sentenza letterali, għandha funzjoni fil-"plot" loġiku, waqt li l-aqwa tifsira tagħha hi firrabta li tibni bejn ix-xitla vera li ma kibritx u l-pjan ta' Samwel li ma seħħx: **"U bil-ħaqq, dik iż-żerriegħa li tajtni ma ħaditx."** B'dan il-mod Sammut għaqqad iż-żewġ esperjenzi tar-rumanz, il-ġewwiena u l-barranija, is-simbolika u l-letterali, billi waħħadhom fl-ispirtu ta' bniedem wieħed u tul medda ta' l-istess episodju.

**Eżempji ewlenin tal-metodu**

Stħarriġ ta' għażla żgħira ta' siltiet oħrajn tista' turi aħjar kif sens letterali u sens figurativ, l-effetti rispettivi ta' tiġrib (barrani jew sensorju) u ta' ħolqien (ġewwieni jew spiritwali) jiżżewġu flimkien u b'konsegwenza jagħtu lok għal tlaqqigħ ta' taħdit dirett u taħdit indirett, jew aħjar tlaqqigħ tar-rakkuntar li jiżvolġi l-"plot" tal-"wiċċ" (is-sensiela ta' fatti li jibqgħu miftakra mill-qarrej medju li jaqra r-rumanz biex isegwi storja biss) mar-"rakkuntar" meditativ (jew meditazzjoni narrativa) li jiżvolġi l-"plot" tal-"qiegħ" (is-sensiela ta' metafori li jiżegħdu fir-rumanz u li jinteressaw l-iżjed lil min irid iqisu bħala xogħol estetiku).

Silta I hi minn "Dan kollu" sa "ħassu jserrħu" f'Taqsima 3. Jekk niktbu b'ittri ħoxnin il-partijiet figurativi jkollna din il-għaqda ta' bċejjeċ narrativi letterali u bċejjeċ narrativi riflessivi simboliċi: "Dan kollu kien **bħall-iskoll li baħri miġnun biex jasal l-art jagħmel tabirruħu li m'humiex hemm u jinsiehom. Hekk kienet l-ewwel laqgħa, u issa l-baħri kellu jit-**

ħabat ma' l-iskolli li minkejja li nsiehom baqgħu hemm, jogħla u jogħdos mal-mewġ jinbaram madwaru. Issa x-xbiha ta' l-ewwel darba li ltaqa' magħha kienet bħal ritratt qadim li jaf bih kulħadd imma ma jħares lejn ħadd. Iżda l-fewġa li bdiet iżżid riedet tfakkru f'dik l-għaxija meta qam ir-riħ u Żabbett telgħet idejha lejn xagħarha u hu tgħaxxaq bil-liwijiet mielsa ta' sidirha jidhru minkejja fil-libsa ħoxna li kienet tostorhom. L-isqaq dakinhar kien il-ġuf li jwelled ġejjieni għasli, mwarrad. Issa l-ġuf kien dbiel u s-sqaq sar iktar donnu ħalq bla snien. Ħareġ minnu bħall-ilma mgħaġġel mill-katusa tal-bejt, u d-dawl tal-misraħ tfielu x-xbiha tat-tifkiriet. Imqar il-ħajr griż ta' l-Iskola bit-twieqi mitbuqin ħassu jserrħu."

Għandna tiżwiġ ta' żewġ aptiti, l-aptit ta' min qiegħed jirrakkonta direttament u l-aptit ta' min jagħti sensibilità lirrakkont billi jonfoħ fih sensiela ta' simboli mimlija tifsir. Is-sensiela simbolika, fil-fatt, hi magħmula mnn similitudnijiet u minn metafori. Il-parti "bħall-iskolli... madwaru" hi simbolika, iżda tgħaddi minn tixbiħ indirett jew mikxuf għal tixbiħ dirett jew imgħotti; fi kliem ieħor, il-parti "bħall-iskolli... l-ewwel laqgħa" hi similitudni u t-tixbiħ ma jidentifikax lill-komponent reali mal-komponent figurativ, iżda l-parti li jmiss, "u issa l-baħri... jinbaram madwaru" hi metafora. Minflok bħal baħri, Samwel sar baħri. Il-paragrafu jerġa' jaqleb għas-similitudni ("bħal ritratt... lejh ħadd"), ikompli letteralment u jerġa' għall-metafora ("riedet tfakkru"), jissokta letteralment, isawwar metafora ("il-ġuf li jwelled... mwarrad"), jerġa' jaqleb għal-letterali ("issa," marbuta mal-motiv taż-żmien meta l-persunaġġ ġarrab dan kollu) u jkompli b'metafora ("l-ġuf kien dbiel") u b'similitudni ("u s-sqaq sar... bla snien"), jerġa' għal-letterali ("ħareġ minnu") u jkompli b'similitudni ("bħall-ilma... tal-bejt"), u jagħlaq b'alternanza f'din l-ordni: letterali — metaforiku — letterali) (kif beda: "Dan kollu kien"). Ta' min jinnota li l-metafora tal-ġuf hi marbuta maż-żmien, waqt li l-metafora ta' l-isqaq hi msieħba mal-post; iż-żewġ kategoriji ta' żmien u spazju huma marbuta flimkien ("l-ġuf kien tbiel u s-sqaq sar... bla snien").

Samwel is-Samuraj, il-ġellied, hawn hu ffigurat bħala baħri li jeħodha kontra l-maltemp. L-ambjent barrani, jiġifieri t-temp ("il-fewġa"), il-post ("tal-isqaq," "il-misraħ") ,it-tifkiriet li dan iġib lura miegħu mill-imgħoddi ("il-ġuf") u d-dawl tal-post fejn jinsab ("d-dawl tal-misraħ") huma lkoll imbiddla f'xejriet psikoloġiċi, aspetti ta' kuxjenza li qiegħda tgħaddi t-tiġrib mis-sensi barranin għas-sensi ġewwiena, li

jerġgħu joħolquh suġġettivament u jinterpretawh.

Is-siltiet li ġejjin, b'ittri ħoxnin għall-partijiet figurativi jissoktaw juru din il-bixra kostanti tar-rumanz u jseddqu l-idea li d-dinja ta' Sammut ma tagħrafx fruntieri bejn is-sensi u l-kuxjenza, it-tiġrib normali u d-djarju mentali li jirreġistrah b'kodiċi differenti:

Silta II: "Samwel ħallas 'il tal-ħanut u resaq lejn il-bieb ta' barra. It-tnejn li kienu qed jaqraw it-temp ma tawx kasu. F'ħin bla waqt instemgħet ragħda qawwija u x-xita bdiet iżżid. Ir-riħ tqawwa u **beda jsawwat il-misraħ bħall-frosta ta' kuċċier maħrub bil-lejl.** L-ilma tal-baska beda jogħla żewġ piedi ' lfuq mix-xifer. Sajjetta twila bajda **griet** mas-sema fuq l-għoljiet ta' wara l-kampnari tal-Knisja u fid-dawl tagħha l-ilma tal-vaska mtajjar għal barra għal waqt wieħed deher **donnu liżar qed jinfirex fuq mitraħ mlkxuf.**"[17]

Silta III: "**Il-frosta tar-riħ fil-misraħ kienet titla'** sat-triq ta' matul l-Iskola u **sserrep mal-ħitan tad-djar. It-twieqi kienu jċekċku snienhom bil-ħasda li jleħdu kull x'ħin liżar ta' l-ilma jaħbat mal-qafas tagħhom b'daqqa ta' ħarta.**"[18]

Minħabba li Siltiet II u III huma partijiet imqiegħda taħt xulxin, mifruda biss mit-tmiem u l-bidu ta' Taqsimiet wara xulxin, ta' min jinnota elementi komuni bejniethom. It-temp hu qawwa barranija li qiegħda tieħu sehem fl-ambjentazzjoni tal-kuxjenza, aktar milli tal-kuntest materjali, bħalma kienet il-funzjoni drammatika tat-temp, dejjem qalil u qerriedi, tar-rumanzi tal-biża' li fittxu l-ispettaklu minn barra aktar milli l-istħarriġ ta' dinjiet spiritwali. L-aspetti konkreti huma mogħtija mill-ġdid it-tifsira traxxendenti li ngħataw fis-Silta I. L-aqwa konklużjoni aktarx hi li Sammut ma jiddistingwixxix bejn meta qiegħed isawwar kwadrett fejn hemm Samwel jew karattri oħrajn "u" meta qiegħed jagħmilha ta' l-osservatur diskret, maqtugħ u donnu oġġettiv ta' kwadrett ieħor fejn il-karattru jew karattri tiegħu m'għad għandhom ebda funzjoni determinanti fuq dak li se jseħħ jew jingħad. Il-konklużjoni waħdanija hi li m'hemmx għażla bejn il-qagħda tar-ruħ tal-persunaġġi tiegħu u l-qagħda tiegħu nnifsu bħala awtur.

## Tip ta' Samuraj Malti

Minħabba li d-dinja kollha ta' SAMURAJ iddur u tissawwar gradatament b'riżq Samwel is-Samuraj, għandna indikazzjoni ċara li l-identifikazzjoni bejn l-awtur u l-ħlejqa tie-

għu hi sħiħa. Sammut hu Samwel, jew viċi-versa. Il-kontinwità stilistika m'hix ħlief kontinwità tematika wkoll. Konklużjoni bħal din tista' tinħareġ ukoll bis-saħħa ta' stħarriġ simili ta' Fredu Gambin f'IL-GAĠĠA, jekk ir-rumanz jitqies bħala tagħqida ta' deskrizzjonijiet "oġġettivi" u esperjenzi diretti tal-persunaġġ. Din il-konklużjoni hi mseddqa wkoll bis-saħħa tat-taħlita koerenti ta' djalogi, monologi u passaġġi ta' rakkuntar jew deskrizzjonijiet fit-tielet persuna. Ħafna mis-siltiet li m'għandhomx punteġġjatura ta' konversazzjoni u li jidhru bħala rapportaġġ "imparzjali" ta' Sammut quddiem kwadru m'humiex ħlief taħdit ta' Samwel, jew karattri oħrajn, fl-ewwel persuna. Minn hawn ukoll ġejja l-bixra djarjistika — m'stqarra direttament fil-bidu ta' IL-GAĠĠA u hawn imtelgħa indirettament fil-wiċċ b'din l-enfasi fuq taħdit simboliku mżewweġ ma' taħdit letterali — tar-rumanzi ta' Sammut, xogħlijiet li m'humiex għajr kompromess letterarju validu bejn dokumentazzjoni "xjentifika" ta' tiġrib u sublimazzjoni simbolika ta' l-istess tiġrib ipprojettat f'erwieħ 'mistħajla'. Fuq kollox, hu sewwa sew dan il-karattru allegoriku, immexxi b'paralleliżmu bejn dak li jiġri fid-deher u t-tifsira moħbija tiegħu, li jiddistingwi lir-rakkont non-letterarju mir-rumanz letterarju li dejjem, u l-iżjed minn wara r-realiżmu 'l hawn, kellu u għandu qofol simboliku. L-Arti fiha nnifisha hi simbolu.

Varjazzjoni parallela għal din l-identifikazzjoni bejn Sammut l-awtur u Samwel is-Samuraj, jiġifieri bejn il-ħallieq u l-ħlejqa tiegħu,[19] toħroġ mis-siltiet ta' diskussjoni estetika bejn il-Poeta u ż-żewġ karattri ewlenin li joħloq kuntatt magħhom, Samwel u l-Kappillan. Il-kuntatt ma' Samwel hu pożitiv, għaliex hu laqgħa ma' wieħed bħalu, waqt li l-kuntatt mal-Kappillan (meqjus hawn bħala eżempju rappreżentativ ta' strutturi lokali mhux milqugħa iżda setgħana, anki extra-reliġjużi) hu negattiv. Fl-ewwel relazzjoni hemm rabta ta' similarità (bħat-tqabbil ta' l-abjad ma' l-abjad) u fit-tieni waħda hemm kunflitt maħruġ fid-dawl tal-liġi ta' l-opposti (bħat-tqabbil ta' l-abjad ma' l-iswed). Iż-żewġ kwadri, l-ewwel wieħed bejn ħabib u ħabib u t-tieni bejn ħabib u għadu, jiżvolġu mod ieħor lir-relazzjoni ewlenija tar-rumanz, i.e. dik bejn Samwel u l-bqija ta' l-antagonisti, bid-differenza li dawn issa jisħqu fuq għażla estetika, u mhux biss soċjali, jew morali f'sens wiesa' u mhux kwalifikat. Fi kliem ieħor, bħalma Samwel jinsab f'kunflitt mas-soċjetà bħala ċittadin privat li ma jistax jaqbel maċ-ċittadinanza pubblika, il-Poeta ma jistax jaqbel bħala tali mas-soċjetà, jiġifieri bħala poeta li m jistax jaqbel

ma' l-istess ċittadinanza. Min-naħa l-oħra, bħalma Samwel (definit bħala Samuraj mill-Poeta nnifsu f'Taqsima 21) jir-nexxilu jaqbel biss ma' Żabbett, il-mara li titbiddel għal ftit minnu u bħalu f'Samuraj ukoll (u mbagħad tfalli u terġa' tir-ritorna lejn it-"tribù" bierda), hekk ukoll il-Poeta jaqbel biss ma' Samwel u ma jaqbilx mal-bqija.

Minħabba li Samwel u l-Poeta m'humiex ħlief varjazzjoni tat-tip Malti rari li Sammut ibiddel letterarjament fit-tip ta' Samuraj (xejra tipika tan-narrativa letterarja moderna lokali li tfittex li tuniversalizza tipi lokali, jew tillokalizza (tbiddel f'Maltin) tipi universali), nistgħu ngħidu li fit-tagħqida tagħ-hom it-tnejn hemm tagħqida taż-żewġ aspetti ewlenin tal-"critique" ta' Sammut: (i) il-bniedem bħala ċittadin sublimi fost ġemgħa mħassra, aspett ippreżentat b'Samwel — isem bibliku li jfisser il-ħarsien tal-kelma t'Alla — f'termini morali ġenerali; u (i) iċ-ċittadin sublimi bħala artist, aspett ippre-żentat bil-Poeta, fost l-istess ġemgħa mħassra. Jekk ngħaq-qdu flimkien dawn iż-żewġ xejriet ikollna x-xbiha sħiħa tat-tip ta' "Samuraj" li jrid ipinġi l-awtur. Jekk, imbagħad, nif-hmu li Sammut, bħal kull letterat ieħor, m'hux għajr bniedem b'xejriet partikulari li joftmuh mill-kotra "u" artist b'xejriet wisq iżjed speċifiċi li jissoktaw joftmuh mill-istess kotra, nif-hmu wkoll li dawn it-tnejn flimkien — varjazzjonijiet jew del-lijiet simili tat-tip Samuraj — isawru l-persunalità sħiħa ta' l-awtur innifsu mbiddla letterarjament bis-saħħa ta' projezzjoni mistħajla f'karattru/i ta' rumanz.

Iż-żewġ laqgħat imsemmija tal-Poeta huma dawn: (a) "negativa" mal-Kappillan, meqjus bħala r-rappreżentant ta' soċjetà mhux milqugħa; " 'Jien la nemmen fix-xalar tad-dinja u lanqas fil-ġmigħ tal-flus,' waqaf, baxxa għajnejh u ssokta, 'jien poeta.... Mhux se nistenna li jilqgħuni bħala poeta f'paj-jiżi stess u lanqas ma nistħajjel li qatt daħlilhom f'rashom x'inhu jew x'jista' jkun poeta!... Jien farfett li jsoff minn hawn u minn hemm mingħajr ma jintrabat ma' ħadd imma ridt nu-rihom li jien farfett għall-inqas... Imma jien, sur Kappillan, farfett li jmur fuq il-fjuri kollha, fuq ix-xewk ukoll, anzi dak hu r-"raison d'être" tiegħi; għalija ma rrid xejn, imma nħoss ħafna għall-umanità u għalhekk nidħol u niddeffes fi ħwejjeġ li m'humiex direttament tiegħi;' "[20] " 'Jien farfett! Farfett il-lejl! Jien l-anġlu mwaqqa' li xeba' mill-mitoloġija li daħħaltuh fiha intom u għamel ribellјoni kontra tagħha!... Jien il-farfett li ma jaqbdu ħadd! Jien li għaraft il-verità u r-realtà;' "[21] (b) "pożitiva" ma' Samwel, meqjus bħala sieħeb ideali, qisu l-

figura astratta u mbiegħda tal-mara vaga li kienu jinnamraw magħha r-romantiċi, bħal xi Leopardi, Keats, K. Vassallo u oħrajn, u li hawn ħadet ċerta sura fiżika u misterjuża (il-Poeta jibqa' misterjuż anki għal Samwel innifsu) fl-istess ħin: " 'Jien... dejjem inħuf u nimraħ... ġejt nagħmel dawra fl-imwarrab għax in-nies dejquni.' "[22]

Waqt li dawn il-kwadretti ċentrali tar-rumanz iseħħu fil-moħbi u fis-skiet, l-isfond oppost jagħti lok għall-ironija, min-flok għal din is-solennità; jisħaq, biex iweġġa', fuq interessi żgħar li iżjed ma jitkabbru u ma jidħru fiċ-ċokon sostanzjali lieragħ tagħhom iżjed jiżviluppaw il-fil l-ieħor (il-letterali) tan-nisġa narrativa. Hawn jiksbu t-tifsira tagħhom il-piki bejn il-każini u l-enfasi fuq għadd ta' ħwejjeġ żgħar, bħan-numru eżatt ta' ġebel u żrar mitfugħa[23] u l-laqgħa mimlija gost ko-miku niggieżi bejn il-Konti u l-Kappillan (xiehda oħra li Malta kollha, meqjusa bħala raħal wieħed anki fl-aspett belti jew ċivilizzat tagħha, hi l-oġġett tal-kundanna ta' l-awtur).

## Il-lirika ta' l-għadab

Bħala wieħed mill-ilħna ewlenin tan-narrativa l-ġdida, Sammut hawn hu ħaġa waħda mal-leħen korali tal-poeti tas-sittinijiet li għaddew lill-pajjiż minn sħarriġ kritiku biex mhux biss igħarblu s-siwi letterarju ta' mudelli tradizzjonali u jdaħħlu oħrajn aġġornati b'kontenuti ta' fejda kontemporanja, iżda jfittxu li jwaqqgħu l-mit tas-sebħ storiku (tema ewlenija tal-letteratura Maltija ta' qabel, mill-bidu sa żmien Dun Karm u d-Dunkarmjani, i.e. il-perijodu romantiku kollu) u juru r-raġunijiet ta' l-isfiduċja tagħhom f'Malta fiha nnifisha, kif in-tirtet fl-aspetti reliġjużi, politiċi u soċjali.[24]

Hi mġiba doppa ta' kritiċi u ta' riformaturi ta' xeħta soċjo-letterarja u li tieħu s-sura ta' mħabba-mibegħda li tix-ref kemm fil-lingwaġġ, safi u mirqum u minsuġ sikwit bi ħjut ironiċi, kemm fit-tlaqqigħ ta' xi xejriet pożittivi mal-qofol ne-gattiv li jikkaratterizza lill-persunaġġi ewlenin ta' Sammut. Eżempju xieraq ta' dan hu x-xena tal-mewt ta' Marku bit-tjieba banali-ġenwina tas-Sa Rożann u t-talb imqabbel li Sammut iqiegħed fuq fommha u jislet b'ċertu gost folkloris-tiku u nebbiexi, kif ukoll l-għażla ta' żewġ ismijiet ta' qaddisin ftit li xejn magħrufa iżda popolarizzati u antagonizzati fir-raħal, Pankrazju u Patrizju, kelmtejn li fihom infushom jixxiebhu u jsawru konsonanza ("-azju" u "-izju") li sseħibhom ironi-

kament ma' xulxin waqt li skond in-nisġa tal-"plot" huma mifruda. Ir-raħal innifsu, bħala dinja "doppja," primitiva u msaħħra, siekta u mħabbla, bla qies fl-ispazji mistħajla ta' egħlieqi waħdiena u klawstrofobika fl-inħawi mgħammra, hu "gaġġa" oħra li Sammut jipprova jiggustaha minn barra u jistmerrha fl-egħluq marsus tagħha. Fiż-żewġ naħiet ta' din id-djalettika psikoloġika ta' l-awtur hemm l-għajn ta' l-ispirazzjoni tiegħu.

Anki s-senswalità tal-kelma Maltija, kif imħaddma b'sengħa tipika ta' Sammut purista aġġornat, tikxef din id-dispożizzjoni li waqt li hawn tista' tidher bħala għażla stilistika, hi fis-sew ħjiel ta' għażla tematika, temperament ta' rumanzier quddiem dinja li ġġiegħlu jisfrutta l-kruha tagħha biex joħloq is-sabiħ. L-idjoma Maltija, bil-ħsejjes qawwija ta' kliem safi, magħżul sikwit mir-reġistri dojoq tal-ħajja raħlija, u bid-dħul ta' kliem barrani msieħeb ma' espressjonijiet Taljani sħaħ (għajn ta' klassiżmu u użu li jfakkar fl-użu tal-"latinorum" tal-favolisti romantiċi Taljani, u anki Maltin, bħal Ġ.A. Vassallo), hi tieqa oħra miftuħa bil-għaqal fuq strutturi soċjali, temperamenti u gosti li lkoll flimkien issoktaw ifettħu din l-imġiba ta' qima-stmerrija. Id-devozzjoni lejn l-ilsien titfaċċa saħansitra f'siltiet ta' kundanna, waqt li hi fl-aqwa tagħha meta tiddewweb f'aspett ieħor tat-tiżjin ambjentali. Is-silta li ġejja tiżgħed b'rimi ġewwiena, b'assonanzi, b'konsonanzi, b'paralleliżmi, b'polisindeto, b'qisien ritmiċi regulari mtennija b'naturalezza, b'allitterazzjoni u b'elementi oħra tal-forma poetika, li b'hekk jispiċċaw biex ibiddlu lill-paragrafu fi proża poetika, jew f'poeżija f'sura ta' proża, ġeneru sintetiku bejn iż-żewġ għamliet:[25]

"La jinħall iċ-ċpar u jogħla, ifiġġu dafja daqs il-kristall il-ħorża tal-ġibjun u l-għorfa ta' fuq ir-remissa. Ara!... ara... mir-razzett huma biss baqgħu xorta kif kienu... il-bqija nbidel kollox... la għad hemm ħafur, la ħurrieq u la tfief... hemm, ara, iż-żinji u l-qronfol u l-qtajja' tal-ward... u s-sbula safrana u s-silla ħamrana, araha... tħammar daqs wiċċ baħri sakran... is-sikrana tilfet imkienha... imkien ma taraha... issa żmien il-ħidma, żmien ix-xogħol-salmura-tal-ġisem u ż-żnażan u n-naħal... u l-għana ta' l-agħsafar isaffru tisfir b'tifsir il-hena li ssarraf il-benna ta' ġenna f'razzett bil-ġmiel ta' Żabbett fuq ġwienaħ farfett..."[26]

Hawn ukoll il-mudelli metaforiċi huma ħaġa waħda ma' l-elementi stilistiċi msemmija, bħalma huma sikwit imżewġin

f'siltiet kotrana oħra. Il-bixra poetika tar-rumanz tissawwar il-ħin kollu sewwa sew bis-saħħa ta' din ir-rabta bejn simboli u ħsejjes, tifsir u kolorazzjoni, ilkoll orkestrati b'mod li juri li bejn id-dinja ta' barra u d-dinja ta' ġewwa hemm il-ħidma mweġġgħa ta' kuxjenza, dik li għedna li hi ta' l-awtur ippersonifikat fit-tip Samuraj ta' Samwel u l-Poeta.

Is-sens ta' l-art, l-arja ta' iżolament riflessiv, il-qima lejn il-ħwejjeġ żgħar imgħobbija b'tifsira moħbija (anki l-ħżieża ta' Samwel u n-nuqqas fiżiku ta' Żabbett jidħlu f'dan il-kwadru ta' solitudni u simbolizzazzjoni), id-djalogu liriku mal-ħwejjeġ barranin iżommu lir-rumanz fuq il-livell doppju ta' titwila 'l barra u ta' ritorn rassenjat-ribelli 'l ġewwa. Meħudin ilkoll flimkien, dawn l-aspetti jsawru l-bixra l-ġdida tal-letteratura l-iżjed tipika ta' Malta llum, bħala esperjenza ta' għadab responsabbli u tbegħid mill-innu ċelebrativ u mimli qima tar-romantiċi ta' qabel, imqar jekk il-qtugħ bejn iż-żewġ xejriet m'hux definit (bħalma m'hu qatt fil-ħidma u fl-espressjoni ta' l-ispirtu, kif inhi l-letteratura), u minkejja li tip ta' romantiċiżmu mġedded, imsoffi u mfisser f'termini kontemporanji huwa preżenti wkoll biex jissokta jikxef il-kontinwità tat-tradizzjoni Maltija. Hi tradizzjoni li tidher li, minkejja l-evoluzzjoni u b'riżultat tagħha, se żżomm il-qofol liriku u li, bħalma għamlet qabel, għadha tixrob mill-ħamrija latina tagħha waqt li tfittex li taġġorna l-Italjanità tal-qiegħ billi tagħtiha xejra Mediterranea, dik li tippermetti li l-istruttura tal-qiegħ tiġġedded skond l-istruttura tal-wiċċ, i.e. il-bidla meħtieġa skond żmien u spazju ta' identità qadima. Hi din l-identità li Sammut qiegħed jeżamina b'taħlita ta' lirika u ironija u li sa issa, minn IL-GAĠĠA 'l hawn, ippreżentaha fid-dawl ta' għlieda bejn erwieħ imsoffija li tilfu u kumpless ġenerali li baqa' qawwi fl-istasi marida tiegħu, varjazzjoni mnikkta fuq it-tema tat-taqbida bejn it-tajjeb (tellief) u l-ħażin (rebbieħ), il-wieħed u l-ħafna rispettivament.

## NOTI

1 Cfr. DISCORSO PRELIMINARE, KTIEB IL-KLIEM MALTI, Roma, A. Fulgonio 1796, p. VII, u PRAEFATIO HISTORICA, MYLSEN PHOENICO-PUNICUM SIVE GRAMMATICA MELITENSIS, Roma, A. Fulgonio 1791, p. 3.

2 Taq. 21.

3 Sammut jikteb "Raħal," l-isem anonimu b'ittra kbira li jidħol fin-nisġa simbolika sħiħa, bħallikieku biex jiftiehem bħala l-isem proprju, jiġifieri bħala metonimja li tinqeda b'sinjal biex tfisser il-ħaġa sħiħa mfissra, bħalma popolarment ingħidu "l-gżira" biex infissru Malta. Ir-Raħal hu Malta kollha, sostituzzjoni metaforika ta' l-isem veru. Min-naħa l-oħra anki l-komponent belti tal-pajjiż, rappreżentat mill-Konti, hu taqsima oħra tal-kontenut ironiku sħiħ ta' Sammut karikaturista.

4 Waqt li IL-GAĠĠA u SAMURAJ, żewġ tarġiet ħielsa minn xulxin iżda konsekutivi u supplementari fl-iżvilupp ta' l-istess tematika, huma t-tnejn rumanzi b'isem metaforiku (xejra oħra li tissokta tagħżel l-il-kitba letterarja moderna minn ta' qabel u pass 'il quddiem fit-tiġmigħ metaforiku), id-differenza immaġinativa fl-għażla ta' kull isem hi din: waqt li "il-gaġġa" tfisser il-kotra (jew il-post fejn din tgħammar) li qiegħda teskludi lill-protagonista differenti, "Samuraj" tirreferi sewwa sew għall-protagonista differenti ġdid, it-tieni varjazzjoni ta' l-ewwel tip, Fredu Gambin. Waqt li l-ewwel taqbida hi bejn "il-gaġġa" u Gambin, it-tieni waħda hi bejn il-kotra (in-nies tal-"gaġġa", mhux im-semmija fl-isem) u Samwel "is-Samuraj". Iż-żewġ naħiet tad-djalet-tika huma l-istess fiż-żewġ xogħlijiet: "il-ħafna" u "l-wieħed." IL-GAĠĠA hu isem li jissimboleġġja lill-ħafna, waqt li SAMURAJ hu isem li jissimboleġġja lill-wieħed. Jekk ngħaqqdu ż-żewġ naħiet op-posti tad-djalettika komuni għaż-żewġ rumanzi, li għandhom qofol te-matiku wieħed, nistgħu niġbru kollox hekk: il-gaġġa tinsab fi ġlieda ma' Samuraj, il-kotra hi kontra l-wieħel.

5 Taq. 15.

6 Taq. 20.

7 Taq. 21.

8 Taq. 22.

9 Ibid..

10 Taq. 22. Għad li dan il-kliem ma jingħadx direttament mill-karattri iżda hu mqiegħed bħala passaġġ argumentativ ta' l-awtur, m'hux għajr interpretazzjoni fit-tielet persuna (mill-awtur) ta' taħdit ieħor fl-ewwel persuna mqiegħed fuq fomm l-istess karattri u bl-istss għażla lessikali u kważi l-istess għażla metaforika (cfr., e.g., il-kliem dirett ta' Samwel lil Żambett miġjub f'nota 6). Dan hu prova oħra, bis-saħħa ta' stiliżmu ta' Sammut, li l-awtur ma jagħżilx bejn il-qagħda ġewwiena tal-karat-tri privileġġjati tiegħu (i.e. dawk li huma msawta mill-kotra) u l-qagħ-

da ġewwiena tiegħu nnifsu. It-taħlita bejn il-monologu u d-djalogu fiha bixra tripliċi: (i) l-awtur li jiddeskrivi u fil-fatt jitkellem waħdu, (ii) il-karattru letterarju li jitkellem waħdu (identifikazzjoni sħiħa, ippruvata anki stilistikament, bejn ħalljeq u ħlejqa letterarja) u (iii) il-karattru li jiżvolġi taħdita ma' ħaddieħor (eżempju ta' waqtiet meta l-awtur jinqeda b'persuna oħra biex ifisser ruħu ma' ħaddieħor). Il-metafora ta' l-ilpup u s-sriep, imxerrda fil-letteratura l-aktar bis-saħħa ta' l-influwenza Evanġelika fejn fil-fatt hi parti mill-istess djalettika ċentrali li tfisser il-problema tal-ħażen ("bhejjem" f'sens ta' bnedmin tajbin, e.g. ħamiem, ħrief, ngħaġ, kontra "bhejjem" oħra f'sens ta' bnedmin ħżiena; cfr., e.g., Mt. VII, 15; IX, 36; X, 16; XXV, 32-33; Lq. X, 3; Mk. VI, 34; Ġw. X, 1-16) hi mġedda fi żmienna l-aktar bis-saħħa tar-rumanzi ta' Francois Mauriac, LE NOEUD DE VIPERES (1932) u L'AGNEAU (1954), xogħlijiet li jfittxu din il-ħtieġa ta' tifsira fil-ħajja u li l-qawwa tagħhom tmiss lir-reliġjon u forsi tmur lil hinn minnha. Imqarr jekk Sammut m'hux kattoliku fl-istess sens ta' xi Mauriac, l-aspett reliġjuż, imgħotti taħt qoxra ironika-ħanina li tibda u kważi tispiċċa fil-verżjoni folkloristika Maltija tal-fidi popolari, hu kulur lokali fir-rumanz tiegħu, aktar milli kontestazzjoni. L-anti-istituzzjonaliżmu kattoliku ta' Sammut hu iżjed tiftixa ta' ritorn lejn il-qofol sostanzjali milli ċaħda ta' viżjoni traxxendenti. Dan il-fil ta' influwenza metaforika mill-Vanġelu jwettaq din il konklużjoni.

11 Taq. 24.

12 Taq. 27.

13 Taq. 7.

14 Ibid.

15 Ibid..

16 Ibid..

17 Taq. 3.

18 Taq. 4. Ir-rumanz jistieden stħarriġ sħiħ minn dan l-aspett biss. Studju strutturali mmexxi bil-fehma li juri kif hu kollu kemm hu projezzjoni figurata tal-qagħda mentali ta' persunaġġ letterarju jista' jiżviluppa ruħu fi studju tal-liriċiżmu ta' SAMURAJ. Minkejja li, kif igħid E.M. Forster, "the fundamental aspect of the novel is its story-telling aspect" (ASPECTS OF THE NOVEL, 5 ed., Mildlesex, Penguin Books Ltd. 1970, p. 33 u "passim"), din hi stqarrija li, kif tixhed il-ġrajja letterarja moderna, għaddiet minn bosta modifikazzjonijiet imħabbla. Hu proċess li nbeda minn xejriet psikoloġiċi ta' Mme. De La Fayette f'LA PRINCESSE DE CLEVES (1678) u ta' Richardson f'PAMELA (1740), issokta b'qawwa ġdida fil-WERTHER (1774) u fil-WILHELM MEISTER (1795) ta' Goethe, żewġ mudelli kbar tal-"bildungsroman," ir-rumanz Ġermaniż li jfittex li jsawwar karattru, u fl-ULTIME LETTERE DI JACOPO ORTIS (1802) ta' Foscolo. Is-seklu tagħna, immexxi minn viżjoni ġdida tal-psike u minn preokkupazzjoni iżjed imħabbla bl-oġġett barrani ta' l-esperjenza, seddaq il-mixja 'l ġewwa tar-rumanz. Minn Italo Svevo (1861-1928), qarrej ta' Freud,

li jqalleb fl-imħuħ ta' persunaġġi biex ifisser l-assurdità eżistenzjali u l-gost illużorju ta' l-"aħħar sigarrett," sa Proust (1871-1922) li jħallat l-imgħoddi mal preżent u jqegħedhom f'koeżistenza tqila mingħajr ħarsien ta' l-ordni taż-żmien biex ifittex saffi ta' sensibilità, sa Pio Baroja (1872-1956) li jiġma' bċejjeċ mifruda minn xulxin biex ifittex il-verità tal-qiegħ, sa Hermann Hesse (1877-1962), il-ħallieq ta' sensiela ta' DER SUCHENDE, il-fittiexa ta' l-assolut li jinżlu 'l isfel mill-qoxra ta' l-oġġetti u l-persuni, sa James Joyce (1882-1941) li jqalleb fis-subkonxju biex isib livell ta' stabilità, sa Kafka (1883-1924), il-poeta rumanzier ta' l-iżolament sħiħ li jibni dinja fejn kollox hu oppressjoni spiritwali jew ħolm imqalleb, taħlita ta' tiġrib oġġettiv u fantasija mbeżżgħa, bħall-pittura ta' xi Odilon Redon, biex ma nsemmux lil D.H. Lawrence u lil Virginia Woolf, ir-rumanz sar id-djarju narrativ li jikkonċepixxi r-ruħ tal-bniedem bħala ċ-ċentru ta' univers "in fieri" skond is sensibilità. Frans Sammut, bħala l-ewwel u l-aħjar esponent magħmul ta' din id-direzzjoni poetiko-narrativa, iħassar il-fruntieri bejn iż-żewġ dinjiet u f'ambjent lokalizzat, li jfakkar fl-egħluq waħx ta' DER PROZESS ta' Kafka, ipinġi impressjonistikament reġjun li hu kemm Malti, kemm uman u kemm mentali f'sens universali. Il-metodu ewlieni f'din il binja hu, kif ingħad diġà, it-tlaqqigħ alternativ ta' tiġrib u ħolm, riflessjoni kalma u thewdin mimli tifsir li jiftiehem skond loġika ta' moħħ li daħal fil-qalba ta' l-oġġetti, jgifieri żviluppat b'mod differenti jew aħjar mill-iżvilupp li jissejjaħ "minimum" normali. Siltiet oħra li jixirqilhom stħarriġ f'dan id-dawl huma "Hekk jew b'hekk... din id-dinja" (Taq. 15), "Meta l-bqija... bla qies" (Taq. 22), "Baqgħet tittlob... imħeġġin tagħha" (ibid.), "Imma x-xitla... ma' ruħu" (Taq. 24), u bosta oħrajn.

19 Jista' jinstab, anki 'l barra mill-metodu Freudjan u post-Freudjan ta' l-istħarriġ psikoloġiku ta' l-arti, li f'kull rumanz kull awtur jipprojetta b'mod imżewwaq u kumpless, imbiddel u mwelled mill-ġdid, lill-persunalità ġewwiena u barranija tiegħu. F'dan is-sens l-awtobijografija (diretta, jekk persunali, u indiretta, jekk ambjentali, nazzjonali, storika eċċ.), li hi dejjem il-punt tar-riferiment ewlieni għal kull artist, ma tibqax materja prima (bħalma hi għad djarista) iżda ssir sett ta' elementi li jinħolqu mill-ġdid. Fil-qasam tal-letteratura nifhem li hu l-istrutturaliżmu li jista' jwettaq l-aħjar u xjentifikament dan l-istħarriġ, kif jistgħu jixhdu l-impostazzjonijiet ta' l-istudju preżenti.

20 Taq 18. Waqt li jieħu sehem fil poetika romantika ta' l-esklużjoni, dik li titkellem f'termini morali u psikoloġiċi dwar il-poeta bħala l-imwarrab, l-imħolli waħdu u l-eremit fis-soċjetà u li f'Malta sabet l-aħjar żviluppi tagħha f'Dun Karm (cfr., e.g., UN PO' DI PROLOGO, VIOLE, Bib Univ. Malta, "Melitensia," ms. 206; GHANNI POETA, vv. 1-8; DELL U DIJA, vv. 6-7, 43-54; GRAZIE DEL TUO SORRISO, vv. 1-8; PROLOGO, FOGLIE D'ALLORO, Malta, Alessandro A. Farrugia 1896, pp. 4-6), f'Karmenu Vassallo (cfr., e.g., IL-POEŻIJA U AHNA, IL-MALTI, Ġunju 1962, p.37; ALLA TAŻ-ŻGHAŻAGH, Malta, Ġ. Muscat 1939, pp. 18, 22 u 86; LIL GASPARE PACE, vv. 165-166; PERFECTI

MYSTERIUM AMORIS, vv. 9-10; IL-BIERAH, ILLUM U GHADA, vv. 41-42; L-AHHAR TAQBIDA, vv. 27-32; IL-POETA U L-KAPTAN, vv. 37-44; THEWDIN, vv. 131-140) u f'Rużar Briffa (cfr., e.g., LIL F. S. CARUANA, vv. 5-12,24; IL-KOTRA U JIEN, "passim;" FIL-BARRAKKA TA' FUQ, vv. 15-19; IL-GHANA TAŻ-ŻGHORIJA, "passim"), Sammut jidher li qiegħed iqis ukoll il-qagħda Maltija, jiġifieri qiegħed jillokalizza t-teorija estetika u jsarrafha wkoll f'verżjon ta' qagħda soċjo-kulturali Maltija. Dan l-argument jinkwadra ruħu aħjar fid-dawl tal-polemika ta' l-awturi tas-snin sittin li Sammut kien wieħed minnhom, u l-konklużjoni hi li hawn il-poeta Malti f'Malta hu mbiddel f'Samuraj fost il-folla inferjuri. Jekk jitqabbel ma' Samwel f'dan id-dawl, il-Poeta tar-rumanz jidher bħala leħen li jitteorizza jew jifformula f'taħdit intellettwali l-istess kontenut li jikkaratterizza kemm lilu u kemm lil Samwel.

21 Taq. 25.

22 Taq. 21. Għad li hawn ma jissemmiex il-farfett, simbolu tat-titjir spiritwali u tal-ħarba mill-kuntatt mal-materja mniġġsa, l-idea msemmija hi mfissra xorta waħda. Dan ukoll hu aspett varjanti ta' l-istess estetika romantika. Il-kontenut tal-ħajku tal-Poeta m'huwiex għajr traskrizzjoni ta' metafori u ħsus li jagħtu l-bixra ewlenija lir-rumanz u lill-identità ta' Samwel. Flimkien magħhom għandhom tifsira simbolika l-egħmejjel "strambi" tal-Poeta, turija ritwalistika tal-qagħda tar-ruħ, li jissoktaw idaħħluh fid-dinja tas-Samuraj. Waqt li dawn l-azzjonijiet joħtmuh mill-kotra u jġegħlu lil din tqisu bħala divers jew miġnun (sublimi, bħall-idjota ta' Dostoyevsky), jiġġustifikaw lill-metafora tal-farfett f'sens fiżiku.

23 Taq. 10. Hawn ukoll tidher il-karikatura ta' Malta kollha, fl-aspetti kolhla, u mhux biss parrokkjali. Ir-Raħal nazzjonali hu illustrat bis-saħħa ta' struttura soċjo-reliġjuża, iżda kollox jindika li l-persunaġġi huma ttrattati bħala Maltin, u mhux bħala parruċċani biss li jistgħu jġibu ruħhom mod ieħor, ċivili, f'oqsma oħrajn. Il-metafora nazzjonali, immexxija skond motiv epiku, kif nafuha minn Ġ.A. Vassallo sa Dun Karm u minn A.M. Caruana sa Ġużè Galea, tbiddlet f'metafora nazzjonali oħra li tiddeforma, immexxija skond motiv satiriku.

24 Dwar xejriet letterarji u extraletterarji tal-kittieba tal-moviment tas-sittinijiet cfr. O. Friggieri, KITTIEBA TA' ŻMIENNA, 2 ed., Malta, A. C. Aquilina & Co. 1976, pp. 172-197 u IR-RUH FIL-KELMA, Malta, Klabb Kotba Maltin 1973, pp. 91-99; P. Serracino Inglott, MALTESE POETRY — 1960-1970, JOURNAL OF THE FACULTY OF ARTS, V, 1, 1972, pp. 3-24.

25 Dawn tqiesu tradizzjonalment bħala magħżula għal kollox minn xulxin iżda ilhom sa mis-seklu dsatax jibdew jitqiesu bħala esperjenza li tista' tkun waħda u li tvarja biss formalment. Dak li qabel tqieset bħala differenza sostanzjali bdiet tidher biss bħala għażla fenomenoloġika. Eżempji bikrija bil-Malti ta' poeżija fi proża huma l-biċċa l-kbira tas-siltiet ta' proża ta' Dun Karm (ittri, siltiet minn studji, l-editorjal ta' IL-MALTI) u passaġġi twal f'rumanzi storiċi.

26 Taq. 16.